MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1665/2003

**M.I.M.S. Supplies Limited**

**vs**
**Arab Diaeddin**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Awissu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u disgha u sebghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm179.08) rapprezentanti bilanc minn somma ta' ammont akbar in konnessjoni ma' prodotti debitament mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta` attrici fuq ordni u inkarigu tal-istess konvenut ;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju fl-istess ismijiet prezentat kontestwalment mal-avviz u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fl-4 ta' Mejju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba kif ridotta tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' mija u disgha u sebghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm179.08), bl-imghax mis-27 ta' Awissu, 2003, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju fl-istess ismijiet prezentat kontestwalment mal-avviz, kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------